MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2003

Numru. 322/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
**v**

**MARIO BUGEJA bin Francis u Mary nee’ Haber residenti Ave Maria, Triq Zhawri, Munxar, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita’ numru 28472G**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **MARIO BUGEJA** bin Francis u Mary nee’ Haber residenti Ave Maria, Triq Zhawri, Munxar, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita’ numru 28472G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fis-sittax ta’ Lulju 2003 ghall-habta tad-disgha neqsin kwart ta’ filghaxija bhala licenzjat tal-*grocer* bl-isem “Ta’ Cenc Discount” li jnsab fi Triq ta’ Cenc, Sannat, bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b’mod iehor.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 321(1) ta' Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2003.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil AIC Valerio Schembri li kkonferma li l-ikonvenjent gie regolat.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 321(1) tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat MARIO BUGEJA hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett (3) xhur ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------